MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru 169/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**V**

**JEAN PAUL FRANCIS DESMOND RAPHAEL IVAN JACOB MAMO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JEAN PAUL FRANCIS DESMOND RAPHAEL IVAN JACOB MAMO** ta’ tnejn u tletin sena bin Emanuel Anthony Carmel Gejtan u Lois Anna Marie nee Robicheau, imwieled Cardiff, Wales, nhar l-hdax ta’ Settembru 1976 detentur tal-karta tal-identita numru 18087M bla indirizz fiss hawn Malta, gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli fis-sittax ta’ NJovembru 2008 ghal habta tal-hamsa ta’ wara nofsinhar fi Triq San Pawl,

San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' *handbag* b'ghadd t'oggetti personali u xi flus minn fuq il-persuna ta' Darlene Xuereb, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin euro centezmi u li sar ghad-dannu ta' l-istess Darlene Xuereb u/jew ta' persuni ohra;

2. Talli huwa rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali esibit bhala Dok. CSH, l-fedina penali tal-istess imputat esibita bhala Dok. CSH 1, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2009 esibita bhala Dok. CSH 2 kif wkoll estratt mill-att tat-twelid tal-imputat esibit bhala Dok. CSH 3.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuza ta' serq kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2009, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza ta' serq kif dedotta kontra tieghu.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex prova ta' recidiva.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali mhux daqstant netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu mhux inqas minn tmien reati registrati fuqha fejn inghata multi, amendi, perjodi ta’ prigunerija, supervision u probation orders.

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261 u 280(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat JEAN PAUL FRANCIS DESMOND RAPHAEL IVAN JACOB MAMO hati tal-akkuza ta’ serq kif moghtija mill-prosekuzzjoni u tiddecidi li tikkundannah ghal perjodu ta’ sitt (6) prigunerija effettivi filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati talli huwa recidiv, stante li ma tirrizultax u tilliberah minn din l-akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------